MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1249/2002

**Raymond Camilleri**

**vs**

**Lorenza Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti f'din il-kawza kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni (anness u mmarkat bhala Dok. "A") fit-30 ta' Settembru 1999*;*

Illi skond dan il-kuntratt il-kura u l-kustodja tal-minuri Tony Ray u Johnny Ray, ahwa Camilleri nghatat f'idejn il-mara;

Illi sussegwentement ghal dan il-kuntratt twieled Michael Camilleri;

Illi l-kontendenti f'dan il-kuntratt derilhom, illi dakinhar, kien fl-ahjar interess tal-minuri li huma jibqghu jghixu ma' l-omm u anke l-kura u l-kustodja taghhom tkun fdata lill-konvenuta peress li l-attur, li kien Pulizija ma setax jiehu hsieb l-istess minuri;

Illi l-posizzjoni ta' l-attur illum il-gurnata tbidlet u fil-fatt huwa m'ghadux Pulizija, u ghalhekk anke il-hin li huwa jista` jiddedika ghat-trobbija t'uliedu tbiddel radikalment;

Illi l-attur jixtieq jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi l-bierah 4 ta Novembru, 2002 ghall-habta tat-8.30p.m. huwa gie nfurmat minn terzi illi ibnu ta' tminn (8) snin bl-isem ta' Tony Ray iddahhal Mount Carmel u dan ghal *indefinite period.*

Illi l-attur ma kienx jaf b'dan il-fatt serjissimu;

Illi mill-informazzjoni illi l-attur irnexxilu jiehu minghand il-konvenuta jirrizulta illi l-konvenuta qabdet u hadet minn jeddha u minghajr ma nfurmat lill-attur, il-minuri Tony Ray ghand Tabib privat u sussegwentement ghand Psikjatra fejn dan irrilaxxa certifikat sabiex il-minuri jinzamm Mount Carmel;

Illi zgur li dan il-post mhux idoneju ghal minuri ta' tminn (8) snin.

Illi l-attur ma jafx f'liema pozizzjoni qieghed il-minuri ibnu u x'qed jigri b'sahhtu;

Illi l-minuri huwa *hyperactive*, pero` bl-ebda mod ma ghandu xi sintomi assocjati ma' persuni li generalment jinzammu Mount Carmel;

Illi mill-Hamis tal-gimgha l-ohra sal-Hadd li ghadda stess, il-minuri, flimkien ma' hutu kienu ghand l-attur u l-familjari tieghu, jilghabu u jghaddu l-hin flimkien. Kollox kien normali.

Illi l-konvenuta recentement kienet qeghda tinzamm fis-Psychiatric Unit gewwa l-lsptar San Luqa u dan peress illi l-Pulizija, meta marret fid-dar taghha sabet Iill-minuri Michael Camilleri ta' sentejn u nofs maqful fil-garaxx bla dawl u bil-katnazz maqful minn barra.

Illi skond rapporti Ii saru, dan il-minuri kien ilu maqful ghal madwar hames sighat;

Illii s-*Social Worker,* Graziella, mibghuta mill-agenzija Appogg, hadet it-tfal minghand il-konvenuta u mid-dar fejn kienu qeghdin jinzammu u dan peress illi l-ambjent tad-dar kien mahmug hafna, b'dan illi kien hemm nappies mahmugin, hmieg tat-tfal ma' I-art, u dizordni shiha. Di fatti d-dar fejn kienet tirrisjedi l-omm u t-tfal, giet iffumigata u imbajda milI-gdid sabiex il-mikrobi jinqerdu u ma jkunx hemm perikolu iktar ghas-sahha;

Illi wara dan l-incident, kien hemm okkazjoni ohra fejn, u dan hemm inkjesta Magisterjali pendenti, parti mid-dar residenzjali tal-konvenuta inharqet meta kien hemm hi u ulied il-kontendenti fiha. Dan kollu gara minhabba negligenza ta' I-istess konvenuta;

Illi anke kien hemm okkazjonijiet ohra, ukoll fejn iI-minuri dehru jigru barra fis-saghtejn ta' filghodu (2.OOa.m.) u I-girien icemplu IiII-attur u familjari tieghu sabiex dan ikun jista' jigi ghal uliedu u dan peress illi meta huma jkunu habtu mal-bieb tad-dar tal-konvenuta hadd ma jiftah;

Illi minhabba dan l-agir irresponsabbli tal-konvenuta l-attur qed jipprezenta rikors kontestwalment ma' din il-kawza sabiex tinstema` bI-urgenza halli l-kura u I-kustodja tal-minuri uliedu u cjoe` ta' Tony Ray, Johnny Ray u Michael ahwa Camilleri tigi fdata IiIu.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kulI dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun fl-interess suprem tal-minuri:

1. Tordna li din il-kawza tigi mismugha u deciza bl-urgenza u bl-abbrevvjazzjoni tat-termini legali.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Tony Ray, Johnny Ray u Michael ahwa Camilleri f'idejn l-attur.

3. Taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrulha xierqa w opportuni sabiex sahhet il-minuri ma tkompliex titqieghed fil-periklu sabiex jigi mhares l-interess suprem taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 11 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-8 ta' Novembru 2002 a fol. 49 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi l-konvenuta hija kapaci u ghandha l-kwalitajiet kollha biex ikollha l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri Tony Ray u Johnny Ray, kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi ulterjalment l-attur mhux idoneju biex ikun fdat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri u dan *stante* li l-attur huwa bniedem li diga` abbanduna t-tfal tieghu finanzjarjament u anke huwa bniedem perikoluz u m'ghandux il-kwalitajiet necessarji biex jigi fdat bir-responsabbilitajiet ta' kura u kustodja ta' zewg minuri, li wiehed minnhom ghandu bzonn attenzjoni specjali.

3. Illi ulterjalment ma nbidlu l-ebda cirkostanzi li nbidlu sabiex jiggustifika tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni tat-30 ta' Settembru 1999 u l-fatt li l-attur m'ghadux Pulizija ma jikkwalifikax bhala tibdil ta' cirkostanzi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut bhala l-persuna li hija fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, ghandha l-obbligu li taghmel dak kollu li hi jidhrilha xieraq biex taghti l-kura medika lilhom, minghajr tfixkil ta’ l-attur.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 50 u 51 tal-process;

Rat it-talba tal-konvenuta tat-8 ta’ Novembru 2002 sabiex tkun ammessa ghall-beneficcju gratuitu;

Rat ir-relazzjoni ta’ Dr. Malolm Mifsud fejn issottometta li ir-rikorrenti ghandha *probabilis causa litigandi* u ghalhekk ghandha tigi ammessa ghall-beneficcju mitlub;

Rat id-digriet a. fol. 56 fejn il-Qorti tilqa` t-talba billi assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer ta’ l-elenku li lilhom imiss it-turn;

Rat il-verbali tal-11 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Leslie Cuschieri assuma l-patrocinju bhala Avukat ta’ l-ghajnuna legali u xehedu Dr. Joseph Cassar u Dr. Joseph Saliba; tat-13 ta’ Novempru 2002 fejn xehed Dr. Anton Grech u halef ir-rapport; il-Qorti tissuggerixxi lill-konvenuta sabiex tattendi kors ta’ ‘Parental Skills’ u lill-partijiet sabiex jaslu ghal ftehim rigward il-kura, kustodja u access tal-minuri; tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn xehdu l-Ispettur Simon Galea, is-*Social Worker*, Graziella Castillo, is-*Social Worker,* Katya Cachia, u Dr. Joseph Saliba; il-Qorti nnotat li l-partijiet ma ltaqghux ghall-iskop indikat fil-verbal precedenti u tirriappunta lil Dr. Anton Grech sabiex jezamina lill-minuri u jipprezenta rapport fi zmien erba` gimghat; tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn Dr. Vincent Galea nforma lill-Qorti li hemm possibilta’ ta’ tranzazzjoni u t-tifel hareg mill-Young People’s Unit; Dr. Vincent Galea obbliga ruhu li sad-9 ta’ Jannar 2003, il-klijent tieghu ihallas lill-Espert u l-Espert Psikjatriku Dr. Anton Grech halef ir-rapport; tat-18 ta’ Frar 3003 fejn Dr. Vincent Galea informa lill-Qorti li l-partijiet waslu ghal ftehim u l-

konvenuta oggezzjonat ghal dan; u ta’ l-20 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Vincent Galea rrimetta ruhu ghar-rapport hlief li l-kura u l-kustodja ghandha tkun konguntiva; Dr. Leslie Cuschieri ddikjara li jekk l-access ma jigix mibdul, huwa m’ghandux oggezzjoni ghall-kura konguntiva; Dr. L. Cushcieri nforma lill-Qorti li l-istess minuri se jkollu *Facilitator* u li l-konvenuta se jkollha ghajnuna go darha mill-Agenzija Ulied Darna u li qeghda wkoll issegwi kors dwar *Parental Skills*; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-**attur** tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna li c-citazzjoni pprezentata kontestwalment ma’ dan ir-rikors tigi mismugha u deciza bl-urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali *stante* li l-kawza tikkoncerna tehid ta’ kura u kustodja minghand genitur *stante* li dan il-genitur mhux kapaci jiehu hsieb il-minuri u taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa w opportuni sabiex tkun taf is-sitwazzjoni rejali dwar sahhet il-minuri Tony Ray Camilleri, *oltre* li taghti kull provvediment iehor sabiex tigi salvagwardjata sahhet il-minuri l-ohra Johnny Ray u Michael, ahwa Camilleri;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti bi tnax-il siegha zmien ghar-risposta u n-notifika ta’ l-istess rikors lid-Direttur ta’ l-Agenzija Appogg u lis-*Social Worker,* Graziella Castillo sabiex jipprezentaw nota guramentata dwar dak allegat mir-rikorrenti fi zmien jumejn;

Rat ir-rikors ta’ l-**attur** tas-6 ta’ Novembru 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna n-notifika tar-rikors tal-5 ta’ Novembru 2002 wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tal-**konvenuta** tas-7 ta’ Novembru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex jinfetah ir-Registru tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili;

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-7 ta’ Novembru 2002;

Rat ir-rapport tas-*Social Worker* Graziella Castillo a. fol. 32;

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba, tappunta l-kawza bl-urgenza ghall-11 ta' Novembru 2002; ordnat in-notifiki tac-citazzjoni attrici, bl-abbrevjazzjoni tat-termini u notifika ta' dan id-Digriet lill-kontro-parti b'dan li n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghandha tigi pprezentata fir-Registru sal-11 ta' Novembru 2002 fl-10.30am; tinnomina lil Dr. Anton Fenech sabiex jezamina lill-minuri u jistabbilixxi l-kundizzjoni tieghu u l-kura proposta minnu;

Rat ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Cassar** a fol. 59; ta' **Dr. Joseph Saliba** a fol. 164; ta' **Dr. Anton Grech** a. fol. 175; ta' l-**Ispettur Simon Galea** a fol. 248; ta' **Graziella Castillo** a fol. 251 ta' **Katya Cachia** a fol. 269; u ta' **Dr. Joseph Saliba** a fol. 277;

Rat ir-rapporti tal-Psikjatra Dr. Anton Grech a. fol. 220 u fol. 316;
Rat in-nota ta' l-attur ta' l-20 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u ta' missieru, Anthony Camilleri;

Rat in-nota tal-**konvenuta** tad-19 ta' Mejju 3002 li permezz taghha pprezentat zewg dokumenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i). PROVI PRODOTTI.

Fl-affidavit tieghu stess, l-attur isostni:-

*"Illi jiena nigi il-missier tal-minuri Tony Ray, Johnny Ray u Michael Ray, Jien it-tfal tieghi huma il-priorita` ta' hajti u m'hemmx haga ohra li tigi qabilhom. Jiena genitur,*

*missier, bhal hafna u ma nikkonsidrax ruhi nferjuri minn missierijiet ohrajn izda lanqas superjuri. Jien nixtieq li t-tfal ikollhom stabilita` fil-hajja taghhom u mhux hajja imferfxa bhal ma kellhom, sfortunatament, f'dawn l-ahhar xhur.*

*Illi jien nemmen bl-akbar sincerita` li tlett itfal huma piz kbir ghal persuna biex tkabbarhom wahedha minghajr l-ghajnuna ta' hadd. Jiena offrejt li nghinha diversi drabi u naf ukoll, sfortunatament, illi lili, ma tinvolvini fl-ebda decizjoni, jew azzjoni jew ittini taghrif dwar l-istess uliedna. Jiena qatt ma rrifjutajt li nghinha. Dejjem ghintha finanzjarjament, minkejja l-limitazzjonijiet tieghi, specjalment wara li kelli nirrezenja mill-Korp tal-Pulizija. Dejjem ghidtilha illi lest li nghinha ukoll fizikament billi nzomm it-tfal u nrabbuhom flimkien. Jiena nixtieq illi r-responsabbilita` tat-trobbija tat-tfal taghna taqa` fuq iz-zewg genituri, irrilevanti mill-fatt li jiena u l-konevnuta ma nghixux flimkien. Jien nixtieq iktar minn kulhadd li nsolvu din il problema izda din li haga daqxejn difficli meta l-konvenuta lanqas tista` tarani quddiemha ghax dejjem tghid li ma tahmilnix, u ma twegibx ebda mistoqsija prudenti li naghmel jien. Nammetti li wara diversi tentattivi ta' komunikazjoni maghha jien ikolli nwassal il-kliem, jew b'ghajjat minn wara l-bieb taghha jew b'mod irritat. Jien m'ghandi xejn kontra omm uliedi, anzi nixtieq illi hija tifhem lili bil-fatt illi ahna sseparajna ma jfissirx li jiena farfart kollox minn fuq spalti anzi issa ghandna iktar ninghaqdu fl-interess suprem tal-minuri u naraw li t-tfal ma jhossuhomx kemm jista jkun affetwati b'din is-sitwazjoni. Ma xtaqtx nappella u nghid dawn l-affarijiet f'affidavit izda wicc imb' wicc lilha, imma jekk dan sejjer jghin lit-tfal u lil Lorraine tifhimni, nasal naghmel li nista`. U bhalissa nista` nghid li nhossni ftit kuntent ghall-fatt li naf li kopja ta' dan l-affidavit sejjer ghandha u b'hekk jien inkun cert li ha taqrah u forsi ma tibqax tobghodni, kif tobghodni. Nikkonferma nerga` kollox fejn nghid li jien ma rridx nohdilha t-tfal anzi jiena tal-fehma li l-omm hija ta' importanza suprema li tkun mat-tfal waqt it-trobbija u f'hajjthom. Li xtaqt biss huwa li nkun f'pozizzjoni li nigi nfurmat f'kazijiet bhal ma gara, li t-tfal, ikollhom xi kollhom bzonn sija medika jew anke edukazjoni jien nigi ikonsultat biss. Nispecifika li ghadni kif ghidt.*

*Illi nigi kkonsultat mhux biex nuri xi tip ta' poter fuq ommhom jew awtorita` fuq it-tfal, imma biex ta' lanqas decizjoni, ta' hux sejjer ikun ta' gid ghat-tfal, xi pass importanti bhall-kaz recenti ta' Tony Raymond. Sirt naf minn partijiet tal-familja li Lorenza hasbet li jien sejjer nipprova nehodilha it-tfal, dan nichdu u qed niktbu hawnekk biex hi jkollha bil-miktub, u mhux bil-paroli. Jien inzommhom it-tfal meta trid hi, huma dejjem benvenuti ghandi u ghand iI-genituri tieghi. Jien nixtieq biss li r-relazzjoni bejni u bejn il-mara timmiljora sabiex inkunu genituri ahjar ghal uliedna. Issa rrid nghid ukoll, lil Lorraine jien nirringrazjaha ghax jien meta nkun mat-tfal fit-triq jew xi postijiet fejn kont immur maghhom dejjem kont u nibqa` kburi bit-tfaI taghna. Anke fI-agir taghhom nara ftit minn ommhom ukoll. Nixtieq nassigura lil min hu kkoncernat illi familja konna, ghadna u se nibqghu ghas-sahha tat-tfal. U fuq iI-fattur ta' terza persuna prezentament fil-konfront tieghi jien nonora x-xewqa ta' l-omm, u ma nressaqx lit-tfal lejn it-terza persuna. Pero` nhoss li mibgheda fil-konfront tieghi minhabba t-terza persuna, ghaliex jien m'inix kapaci nghix f'solitudini wahdi, nhoss li m'ghandiex tkun raguni ta' disprezzament fil-konfront tieghi, aktar u aktar minghand il-persuna li darba kienet is-siehba tieghi u gibna fid-dinja tlett itfal sbieh bhal dawk.*

*Illi jien nigbed l-attenzjoni lil Lorraine billi nfakkarha li hi ghandha I-akbar vantagg li t-tfal ikunu fil-prezenza taghha hafna hin tal-gurnata mentri jien ma narahomx kemm nixtieq. Jien nimmisja norqod maghhom, nimmisja inkun hemm meta jqumu filghodu u meta kellhom il-precett, gejt avzat biex ma nattendiex ghax jien m'iniex missier serju. Dan l-affidavit twil u perswaz li min se jaqrah se jiddejjaq pero` nhoss li kelli niccara xi affarijiet liI kulhadd, qabel ma nghid il-kumplament.*

*Illi ghalhekk biex nibda` nahseb bjex nikkonkludi dan I-affidavit nghid illi xtaqt li jkolli kustodja kogunta ma' Lorraine biss jekk hi tixtieq, izda ma nixtieqx nehodha milI-Qorti kontra l-volonta` taghha, jigifieri jekk hi tibqa` tirrifjuta, li jsir dan, wara dan kollu li gara nitlob lil din I-Onorabbli Qorti biex ma tmurx kontra r-rieda t'omm uliedi*

*ghax b'hekk se nibqghu bI-inkwiet u qatt ma se tibdel iI--fehma taghha, fil-konfront tieghi.*

*Illi niccara illi b'kustodja kongunta, irrid nerga` naccerta lill-omm li m'inix sejjer nohodomlha mid-dar, u jigu jghixu mieghi jew mal-genituri tieghi, izda li jkollna responsabilta` ugwali meta jidhol is-sugett tat-tfal ghall-gid taghhom stess. U li jien issa ha nkun irxoxtajt u niehu it-titlu ta' 'Daddy' fil-veru sens tal-kelma dejjem jekk joghgobha u mhux f'manteniment biss. U sentenza ohra li nixtieq li jekk xi wiehed mill-genituri jissemma fin-nuqqas tieghu stess prezenti,jissemma biss b'manjiera pozittiva u mhux b'manjieri ta' negativita`."*

Illi apparti dan din l-Qorti semghet ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Saliba** u **Dr. Joseph Cassar** tal-3 ta' Novembru u tat-11 ta' Novembru 2002 konsulenti fl-isptar Monte Carmeli u senjatament dwar il-kura li nghatat lill-minuri Tony Ray Camilleri, kemm bhala *out-patient* fic-*Child Guidance Unit* u wkoll bhala *in-patient* fil-*Young People's Unit*; semghet ix-xhieda wkoll ta' l-Espert Psikjatriku imqabbad mill-Qorti **Dr. Anton Grech** li xehed fuq ir-risultanzi tieghu fir-rapport minnu mahluf fit-13 ta' Novembru 2002, li qed jigi hawn isfel riportat fl-intier tieghu, dan apparti l-istess Espert Psikjatriku fuq inkarigu tal-Qorti pprezenta rapport ulterjuri datat 3 ta' Jannar 2003 li qed jigi wkoll aktar l-isfel riportat.

Illi minbarra dan semghet ukoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Simon Galea dwar ir-rapport li kien sar fl-4 t'Ottubru 2002 u li dwaru kien gie rilaxxat rapport mis-*Social Worker* Graziella Castillo ta' l-Agenzija Appogg u fit-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal, datat 5 ta' Novembru 2002, li l-konkluzjonijiet tieghu gew aktar l-isfel riportati fl-intier taghhom (ir-rapport jinsab esebit a fol 32 sa 39 tal-process).

Illi nstemghet ukoll ix-xhieda ta' **Katia Cachia**, *Social Worker*, u ta' **Dr. Joseph Saliba** tas-27 ta' Novembru 2002, fejn spjega l-proceduri li nhadu fil-konfront ta' l-istess minuri fuq indikat anke waqt li l-istess kien *out-patient* u *in-patient* fil-*Young People's Unit* anke fil-mori ta'

din l-kawza. Fl-ahharnett hemm ukoll l-affidavit ta’ Anthony Camilleri, missier l-attur mahluf fis-16 ta’ Dicembru 2002.

## ii) Konluzjoni tar-Rapport tas-*Social Worker* Graziella Castillo tal-5 ta' Novembru 2002

Illi dawn huma l-konkluzjonijiet tar-rapport ta' l-istess *Social Worker* fuq riferit li qed jigi rrappurtat hawn *expresis verbis*:

"*Is-Servizz ghall-Harsien tat-Tfal mhux f'pozizzjoni li jiddeciedu dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri. Il-haddiema Socjali pero' jaqblu li t-tfal ghandu jkollhom struttura f'hajjithom u ghalhekk qeghdin jirrakomandaw illi l-access isir b'dan il-mod. (Dan minhabba li fil-passat il-pjanijiet li saru mhux dejjem inzammu). Huwa mportanti li it-tfal ma jinfirdux meta jkunu ma' l-omm kif ukoll meta jkunu mal-missier.*

*Mit-Tnejn sal-Gimgha il-minuri Tony Ray u Johnny Ray imorru ghand in-nanniet paterni wara li tispicca l-iskola u filghaxija jmorru jorqdu ghand ommhom. Dan sabiex filghodu jisbhu ghall-iskola kollha flimkien. Matul il-gurnata il-minuri Michael joqghod ma' l-omm.*

*Mill-Gimgha ghas-Sibt, Tony Ray u Johnny Ray jorqdu ghand in-nanniet paterni u jqattghu il-gurnata tas-Sibt hemmhekk. Is-Sibt l-omm tiehu ukoll lil Michael ghand in-nanniet biex it-tfal ikunu kollha flimkien.*

*Il-Hadd il-minuri kollha joqghodu ma' l-omm sabiex it-Tnejn jisbhu ghall-iskola minn hemm.*

- *L-omm tattendi ghall-Parental Skills Course.*

*- Tigi mpjegata carer li tkun mat-tfal wara l-hin ta' l-iskola bejn 3.00-6.00pm meta dawn ikunu ghand in-nanniet paterni sabiex din tghinhom fix-xoghol taghhom kif ukoll fil-bzonnijiet illi jkun hemm bzonn. In-nannu patern kemm il-darba qal lill-Haddiema Socjali li hu lest li jhallas persuna hu.*

*-Tony Ray jibqa` jattendi ghall-appuntamenti c-Child Guidance - Johnny Ray jibqa` jmur ghand l-Ispeech Therapist.*

*- Ikun hemm Voluntiera (Programm Ulied Darna) li tmur ghand l-omm darba jew darbtejn fil-gimgha biex tghinha u tigwidaha kif ghandha tiehu hsieb it-tfal filwaqt li titkellem maghha dwar l-ahjar mod kif trabbi lil uliedha.*

*-L-omm tibqa` tattendi ghal kura gewwa Psychiatric Clinic (Dr. Saliba)*

*- Dwar dan il-pjan ta' rakkomandazzjoni ghal Tony Ray, is-servizz ghall-Harsien tat-tfal se jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Psikjatra tal-YPU (Young Persons' Unit).”*

**<u>iii) Rapport tal-Psikjatra Dr. Anton Grech Datat 10 ta' Novembru 2002.</u>**

Illi dan ir-rapport qed jigi prodott *in extenso* hawn hekk:

"*Fuq ordni moghti lili mill-Qorti fuq imsemmija, jien ezaminajt lil Tony Raymond Camilleri (DQB- 25/2/94). Din l-ezaminazzjoni kienet tikkonsisti f':*

*1) Intervista ma Tony Raymond Camilleri*

*2) Intervista mal-missier (Is-Sur Raymond Camilleri)*

*3) Intervista ma' l-omm (Is-sinjura Lorenza Camilleri)*

*4) Intervista mal-Psikjatri kuranti tieghu: Il-Konsulent Dr. Joseph Saliba u s-Senior Registrar Dr. Joseph Cassar.*

*5) Informazzjoni minn noti ta' l-isptar Tac-'Child Guidance Clinic' u tal-'Young People's Unit'.*

*Tony Raymond Camilleri huwa tifel ta' tminn snin li prezentament jinsab residenti fil-'Young People's Unit', Attard. Huwa ilu residenti hemm mill-4 ta' Novembru 2002.*

*Tony Raymond Camilleri huwa l-ikbar minn tlett ahwa subien. Hutu l-ohra huma John Ray ta' seba` snin u Michael ta' sentejn u tminn xhur. Huwa jghix m' ommu w hutu.*
*Ommu ghanda l-kustodja tieghu, u l-genituri ilhom isseparati minn Settembru tal-1999.*

*Tony Raymond Camilleri gie l-ewwel darba f'kuntatt tac-'Child Guidance Clinic' fit-2 ta' Novembru 2000, meta kellu sitt snin. Huwa kien gie riferut mit-tabib ta' l-iskola minhabba problemi ta' mgieba l-iskola u d-dar. Huwa kien qieghed ikun aggressiv specjalment lejn ommu u hutu. Per ezempju, kien hemm incident fejn kien wegga` lli huh f'sidru b'imqas u l-iskola kien wegga` tifla, u fil-klassi kien itellef u ma jkkoperax.*

*Dakinhar kien inghata d-dijanjosi provizinali ta' 'Oppositional Defiant Disorder' jew Adjustment Disorder with Disturbance of Conduct'.*

*Dan kien fII-kuntest tal-problemi bejn l-omm u l-missier, possibilta' ta' problemi ta' mard mentali fil-familja, u l-possibilta' ta' nuqqas ta' kapacita tal-genituri li jikkontrollaw it-tifel. Il-pjan ta' kura kien li Tony Raymond Camilleri jkompli jattendi s-sessjonijiet ta' 'counselling' li kien qieghed jaghmel ma' Mariella Blackman u Micheline Sciberras, u tibda` tinghatalu l-medicina (Amytryptiline 10mg darba kuljum). Din il-medicina eventwalment twaqfitlu ghaliex kien allergiku ghaliha.*

*Tony Raymond Camilleri baqa' jigi segwit ic-'Child Guidance Unit' fuq bazi ta' 'Out Patients'. Eventwalment huwa nghata d-dijanjosi ta' 'Attention Deficit-Hyperactivity Disorder'. Din hija kundizzjoni fejn wiehed ibati minn 'pattern' persistenti ta' inattenjoni u/jew 'hyperactivity' – impulsivita` li huma iktar frekwenti u severi minn normal fi tfal ohra ta' l-istess eta'.*

*Ma kienx qieghed jirrizulta progress fl-imgieba tieghu, kemm l-iskola u kemm id-dar. Parikolarment, kien ghadu aggressiv (ez. l-iskola kien hemm episodju fejn wegga tifla) u kien qieghed jirrifjuta li jaghmel xogholu ta' l-iskola. Minhabba f'hekk, inbdietlu medicina ohra, il-mistura 'Guastil'. Pero` din lanqas ma ghenitu.*

*Kien ghalhekk li f'Jannar li ghadda nbdiet medicina ohra, li tissejjah Ritalin. F'Mejju kien innutat li wara li beda` jiehu r-Ritalin, kien hemm progress fl-imgieba tieghu. Pero` meta d-doza giet mizjuda ghal tliet pinnoli kuljum, it-tifel beda jkun agitat, 'depressed' w irritabbli. Ghalhekk f'Mejju d-doza tar-Ritalin giet imnaqsa ghal wahda kuljum. L-omm iddecidiet li twaqqaf il-medicina ghal tlett xhur, pero` regghet bdiet taghtihielu ghaliex innutat li minghajr il-medicina kien hemm deterjorazzjoni fl-imgieba tieghu.*

*Fl-ahhar gimghat l-imgieba ta' Tony Raymond Camilleri baqghet hazina, li l-omm kienet qed issib diffikulta` biex tikkontrollah. Per ezempju kien hemm incident fejn tela'*

*fuq bejt ta' garaxx b'periklu ghalih innifsu, u l-ghada ghamel hsara konsiderevoli lill-'washing machine'. Ta' min hawn isemmi li ftit gimghat ilu kien hemm episodju meta nharqet id-dar fejn Tony Raymond Camilleri jghix m'ommu u hutu. Dan il-hruq allegament gie kkawzat minn huh. Ftit qabel, is-'social workers' kienu nnutaw li din id-dar kienet fi stat mahmug hafna.*

*L-omm hadet lil Tony Raymond Camilleri l-'out-patients' tac-'Child Guidance Clinic', nhar l-4 ta' Novembru 2002. Hija qalet lill-Psikjatra li Tony Raymond Camilleri kien inkotrollabbli, u t-tobba ssuggerew li 'admission' fil-'Young People's Unit' tista' tkun ta' ghajnuna.*

*L-omm iddecidiet li ddahlu l-'Young People's Unit' dak in-nhar stess filghaxija, fejn ghadu residenti sa llum. Fit-8 ta' Novembru l-Psikjatri kuranti tieghu ddecidew li jieqfu jaghtuh il-medicina Ritalin u josservaw l-imgieba tieghu minghajr din il-medicina.*

*Jien ezaminajt lil Tony Raymond Camilleri s-Sibt 9 ta' Novembru 2002 fil-'Young People's Unit'. Huwa kkopera hafna mieghi. Waqt l-intervista kien fizikament attiv hafna. Kien il-hin kollu jqum u joqghod. Tkellem b'vuci gholja, u kien jinterrompi hafna. Generalment ir-risposti ghall-mistoqsijiet tieghi kien jirrispondihom impulsivament minghajr ma jahseb. Wara li jahseb flit kien imbaghad jikkoregi dak li jkun qal. Waqt li jkun jitkellem kien il-hin kollu jaqbez minn suggett ghall-iehor, u kien jiddistratta ruhu mix-xejn. Huwa ma kellu ebda sintomi ta' mard emottiv ('affective disorder') jew ta' ansjeta'. Huwa kapaci jifhem li certu mgieba tieghu ma kenitx sewwa, u ma kienx hemm indikazzjonijiet ta' mard ta' nuqqas ta' intelligenza ('learning disability').*

*Huwa qalli kemm il-darba li ma xtaqx jibqa' l-'Young People's Unit'. Meta staqsejtu fejn jixtieq imur, huwa qalli li xtaq imur 'fejn ikun ikun'. Meta tlabtu jkun iktar specifiku, huwa qalli li ried imur lura jghix ma' ommu, u ma riedx imur jghix ma' missieru. Huwa esprima affezzjoni kbira lejn in-nanniet, minn naha ta' missieru.*

*Il-missier semmieli ncident fejn waqt li kien qieghed jikkoregi lil Tony Raymond Camilleri, dan ta' l-ahhar spicca haraq idu ma 'heater'. Il-missier esprima dispjacir kbir ghal dan.*

***Konkluzjoni:***

*Meta nikkonsidra dan kollu nikkonkludi li:*

*1) Tony Raymond Camilleri ibati minn problemi serji fl-imgieba tieghu li qed ikunu inkontrollabbli. Huwa wkoll ibati mill-kundizzjoni ta' 'Attention Deficit/Hyperactivity Disorder'.*

*2) Minhabba f'hekk huwa ghandu bzonn ta' ghajnuna professjonali.*

*3) Kif spjegajt hawn fuq, huwa ilu jinghata l-kura fuq bazi ta' 'out-patients' ghal sentejn. Pero`, ma kienx hemm progress fil-kundizzjoni tieghu.*

*4) Dan in-nuqqas ta' progress jista' jkun minhabba diversi affarijiet, ghalhekk huwa necessarju li jsir 'assessment' profond tas-sitwazzjoni biex wiehed jara x'jista' jsir differenti milli sar s'issa.*

*5) Nifhem li l-missier qieghed jopponi l-fatt li dan l-'assessment' qieghed isir fuq bazi ta' 'in-patient'. 'Assessment' hekk m'huwiex assolutament necessarju li jsir bhala in-patient'. Pero` nahseb li fis-sitwazzjoni prezenti ta' dan il-kaz, 'in-patient assessment' huwa l-ahjar mod ta' kif dan isehh. Il-vantaggi ta' dan huma:*

*a) Il-medicina ghada kif twaqfet, ghalhekk hemm il-possibilta' li l-kundizzjoni tieghu tiggrava. 'In-patient' joffri ambjent 'safe' fejn jekk jigri hekk, il-possibilta' li jaghmel xi haga b'konsegwenzi koroh, tkun inqas.*

*b) L-omm ma kienx qieghed jirnexielha tikkontrolla s-sitwazzjoni. F'dan l-istadju ghadu mhux car jekk ikunx fl-ahjar interess tat-tifel li jmur lura jghix maghha, ma missieru jew ma haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsiru*

*'assessments' specifici f'dan ir-rigward. Il-fatt li t-tifel ikun residenti f'ambjent 'newtrali', jiffacilita dawn l-'assessments'."*

**iv) RAPPORT TAL-PSIKJATRA DR. ANTON GRECH DATAT 2 TA' JANNAR 2003.**

Illi dan ir-rapport qed jigi wkoll riprodott fl-intier tieghu f'din id-decizjoni:

"*Fuq ordni moghti lili mill-Qorti fuq l-imsemmija nhar is-27 ta' Novembru 2002, jien ergajt eaminajt lil Tony Raymond Camilleri (DOB-25/2/94). Din l-ezaminazzjoni kienet jkkonsisti f':*

*1) Intervista ma' Tony Raymond Camilleri*

*2) Intervista man nannu patern (Is-Sur Tony Camilleri)*

*3) Intervista ma' l-omm (Is-Sinjura Lorenza Camilleri)*

*4) Intervista mal-psikjatra kuranti tieghu: Il-Konsulent Dr. Joseph Saliba*

*5) Intervista bit-telefon mal-missier (Is-Sur Raymond Camilleri)*

*6) Intervista mas-'Social Worker' tal-'Young People's Unit' (Is-Sur Holger Saliba)*

*7) Informazzjoni minn noti ta' l-isptar, tal-'Young People's Unit'.*

*Jien ghamilt rapport Psikjatriku lill-imsemmija Qorti fuq l-istat ta' Tony Raymond Camilleri, datat l-10 ta' Novembru 2002. Ir-rapport li qieghed nipprezenta llum huwa aggornament tas-sitwazzjoni ta' Tony Raymond, kif zviluppat minn mindu pprezentatjt dak ir-rapport 'l hawn.*

*Kif diga` semmejt fir-rapport precedenti, Tony Raymond ibati mill-kundizzjoni ta' 'Attention Deficit/Hyperactivity Disorder'. Huwa kien iddahhal bhala pazjenti residenti l-'Young People's Unit', H'Attard nhar l-4 ta' Novembru 2002. Fir-rapport precedenti tieghi kont issuggerejt li Tony Raymond Camilleri ghandu jibqa' ghal xi zmien taht osservazzjoni fuq bazi ta' 'in-patient' biex isir 'assesement' tas-sitwazzjoni.*

*Parti minn dan l-'assessment' kien li Tony Raymond jinghata medicina taht osservazzjoni fil-'Young People's Unit'. Nhar is-27 ta' Novembru 2002, huwa beda mill-gdid jinghata l-medicina 'Ritalin'. Pero`, din twaqfet tinghata jumejn wara minhabba 'side effects' li zviluppaw minn din il-medicina. Dawn is-'side effects' kienu jikkonsistu principalment minn ugiegh ta' zaqq. Dan jillimita kemm tista' tintuza medicina biex tghin lil Tony Raymond fil-kundizzjoni tieghu, u gustament, il-Psikjatra kuranti tieghu ddecieda li ghalissa ma jergax jipprova juza medicini. Dan iktar u iktar minhabba l-fatt li kien hemm progress kbir fis-sitwazzjoni psikosocjali tieghu.*

*L-iktar bidla sinifikanti li sehhet mir-rapport precedenti 'l hawn hija li n-nannu patern qieghd jiehu sehem kbir fil-harsien ta' Tony Raymond. Huwa dan qieghed jaghmlu b'kollaborazzjoni ma', u b'support lill-omm. Il-granet ta' Tony Raymond qeghdin ikunu imqasmin hekk: filghodu jattendi l-iskola l-'Young People's Unit', bejn l-erbgha u s--sebgha u nofs ta' filghaxija joghqod id-dar tan-nanniet paterni u l-kumplament tal-hin ikun id-dar t'ommu. Fil-'weekends' iqatta` hin itwal ghand in-nanniet paterni. In-nannu, barra li qieghed jinvolvi lil Tony Raymond f'attivitajiet sportivi, qieghed ukoll jipprova jghallem lil Tony Raymond kif ikollu iktar dixxiplina fuqu nnifsu. Ghajnuna ohra li qieghed jipprovdi n-nannu lil omm Tony Raymond, hija dik finanzjarja. Infatti huwa ta lil omm Tony Raymond karozza, biex ma jkollhiex problemi fit-transport tat-tfal. Huwa qalli wkoll li lest li jidhol garanti li hija tircievi l-flus tal-manteniment kif suppost.*

*Meta rajt lil Tony Raymond nhar il-21 ta' Dicembru 2002, fl-imgieba tieghu huwa wera tibdiliet zghar imma sinfikanti minn meta kont rajtu fid-9 ta' Novembru 2002. Ghalkemm ma rnexxielux jissaporti li joghqod il-hin kollu ta' l-intervista bilqeghda, huwa rnexxielu joghqod bilqeghda ghal hin hafna itwal mid-darba ta' qabel. Huwa kien qieghed jirnexxielu iktar minn qabel jahseb fuq xiex se jkun x'se jghid qabel ma jitkellem, u generalment qabel ma jitkellem kien qieghed jitlob permess u mhux jinterompi kontinwament. Pero` kien evidenti li l-problema ta' nuqqas ta' koncentrazzjoni kienet ghadha hemm, u kien ghadu ukoll attiv iz-zejjed.*

*Il-pjan tat-'team' kuranti ta' Tony Raymond huwa li jibqghu jahdmu ma' l-omm u n-nannu patern biex eventwalmnet huwa jibda jinghata l-edukazzjoni tieghu fi skola 'mainstream' u mhux il-'Young People's Unit'. Minhabba f'hekk qieghda ssir hidma biex ha jmur l-iskola huwa jkollu 'facilitator' biex ikun jista' jinghata attenzjoni individwali. Hemm il-pjan ukoll li jkun hemm 'tutor' biex tghinu fix-xoghol ta' l-iskola li jkollu d-dar.*

*In-nannu patern qalli li huwa m'ghandux interess li jiehu l-kustodja ta' Tony Raymond lil ommu. Huwa pero` jhoss li ghandu jibqa' nvolut fil-harsien tieghu, u jixtieq li ikollu 'say' fid-decizjonijiet li jinvolvu s-sahha u l-edukazzjoni ta' Tony Raymond. Missier Tony Raymond qalli li huwa kuntent li missieru jiehu din ir-'rowl' fil-harsien ta' Tony Raymond. L-omm qaltli li l-ghajnuna tan-nannu patern kienet qed issibha utli hafna, u taqbel li ghandu jkollu 'say' fid-decizjonijiet li jinvolvu s-sahha u l-edukazzjoni ta' Tony Raymond. Pero` hija tinsab inkwetata li dan jista jkun pass biex Tony Raymond eventwalment jinqala' minn maghha. Hija esprimiet biza` specjalment mill-possibilta` li Tony Raymond imur ghal perjodi twal l-Awstralja ma' nannuh, fejn hemm jghixu l-qraba tan-nanna.*

*<u>Konkluzjoni</u>*

*1. Mir-rapport precedenti tieghi datat 10 ta' Novembru 2002, kien hemm progress sinifikant fil-kundizzjoni ta' Tony Raymond.*

*2. Dan irrizulIa mill-fatt li kien hemm progress fil-kundizzjonijiet psikosocjali tieghu.*

*3. Dan il-progress sehh ghaliex omm Tony Raymond u n-nanniet patern, specjalment in-nannu, qeghdin jikkollaboraw flimkien fil-harsien ta' Tony Raymond. B'hekk qeghda tinghaIalu l-konsistenza hi hija tant bzonjuza ghalih minhabba l-kundizzjoni tieghu.*

*4. 0mm u n-nannu patern ta' Tony Raymond it-tnejn jaqblu li l-omm m'ghandhiex tittehdilha l-kustodja ta' Tony Raymond, u t-tnejn jaqblu li n-nannu ghandu jkollu 'say' fid-decizjonijiet li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni ta' Tony Raymond.*

*5. Naqbel li dan il-mod huwa mezz kif il-bilanc li hemm bejn l-omm u n-nannu fil-harsien ta' Tony Raymond, li wassal ghall-progress imsemmi hawn fuq, jibqa' jinzamm.*

*6. Specjalment minhabba l-fatt li r-relazzjoni fil-passat bejn l-omm u n-nanniet paterni ma tantx kienet stabbli, umilment nirrakkomanda lill-Qorti biex ftehim bhal dan bejn l-omm u n-nanniet paterni jigi kkonsolidat b'mod legali.*"

## (V) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi din il-kawza saret sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri Tony Ray, Johnny Ray u Michael ahwa Camilleri tigi fdata f'idejn l-attur u b'hekk jigi mibdul l-artikolu relattiv fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru 1999, fejn il-kura u l-kustodja ta' l-ewwel zewg minuri ndikati (ghaliex l-ahhar wiehed kien ghadu ma twelidx) kienet fdata f'idejn l-attrici.

Illi r-ragunijiet li l-attur gab ghaliex ghamel din it-talba jikkonsistu mill-fatt li huwa m'ghadux jahdem ta' Pulizija u ghalhekk ghandu hin aktar biex jiddedika ghat-trobbija ta' wliedu u rrefera wkoll b'mod estensiv ghall-incidenti li

nqalghu fix-xhur precedenti, li konsegwenza taghhom il-minuri Tony Ray li dak iz-zmien kellu tminn snin iddahhal fl-isptar Monte Carmeli, u allura huwa jhoss li l-attrici m'ghandiex il-kapacita` sabiex tiehu hsieb l-istess tfal.

Illi mir-risultanzi processwali jirrizulta, senjatament mir-rapport prezentat mis-*Social Worker* Graziella Castillo, illi fl-20 t'Awissu 2002 hija u Katia Cachia kienu marru d-dar ta' l-istess konvenuta, fejn hemm sabu li kien hemm kundizzjonijiet hziena ferm ghal sahhet l-istess minuri, tant li gie rakkomandat li ghal xi zmien l-omm tiehu kura psikjatrika, anke minhabba d-*depression* u l-gheja li kienet issofri minnha, u fil-fatt anke sakemm gie rrangat u mnaddaf l-istess post fejn kienet tghix l-attrici, t-tfal ittiehdu ghal xi zmien Angela House, u dan sakemm kollox jigi normalizzat.

Illi minn dan jirrizulta bla ebda dubju li anke minhabba l-kondizzjoni *hyperactive* ta' l-imsemmi minuri Tony Ray ghal xi zmien il-konvenuta sabet il-piz li hija tiehu hsieb l-istess minuri tqil u anke kellha bzonn ghajnuna mill-membri tal-familja taghha u l-genituri ta' l-attur, apparti kura psikjatrika, sabiex tiehu hsieb l-istess u anke sabiex tirkupra mid-dipressjoni u gheja li hakmitha.

Illi jirrizulta wkoll, u hawn issir referenza ghar-rapporti kollha fuq elenkati, nkluzi mill-espert Psikjatriku mqabbad mill-Qorti, li l-istess minuri Tony Ray isofri minn *adjustment disorder with disturbance of conduct,* li kellu diversi konsegwenzi u rrenda x-xoghol tal-konvenuta bhala omm aktar difficli, tant li l-istess minuri kien segwit b'attenzjoni professjonali mic-*Child Guidance Unit* fuq bazi ta' *out-patient*, li jidher tali kura ma hadmitx ghal kollox tant li l-istess konvenuta kienet kostretta sabiex anke fuq parir psikjatriku l-istess minuri gie ammess fil-*Young People's Unit* fl-Isptar Monte Carmeli sabiex jigi osservat u tinghatalu l-kura professjonali anke permezz ta' medicini li jkun hemm bzonn.

Illi mir-rapporti fuq indikati, ta' Dr Anton Grech u wkoll mix-xhieda tal-esperti f'dan il-qasam **Dr. Joseph Cassar** u **Dr. Joseph Saliba**, jirrizulta li dan il-pass ittiehed mill-

konvenuta mhux b'kapricc, izda biss wara konsultazzjonijet professjonali ghal diversi snin li ma kenux ghal kollox sodisfacenti, tant li l-istess minuri baqa' jidhol u jikkawza diversi problemi, inkluz ghalih innifsu, bil-konsegwenza li attenzjoni u kura aktar professjonali kienet mehiega.

Illi mill-kumpless tar-rapporti fuq riferiti jirrizulta wkoll li c-cirkostanzi li kien qed jghix fihom l-istess minuri, u wkoll l-ambjent kollu relattiv li ghalih gie sottopost, nkluz il-firda tal-genituri tieghu, id-diffikultajiet ta' l-omm li tlahhaq ma' wlieda u wkoll ghal xi zmien in-nuqqas ta' kuntatt li hu kellu man-nanniet paterni kollha ggravaw il-kundizzjonijiet tieghu b'mod li l-atteggjament ta' l-istess minuri u l-kondizzjoni tieghu aggravat anke b'mod preokkupanti.

Illi fid-dawl ta' dan, *nonostante* l-allegazzjonijiet ta' l-attur fic-citazzjoni tieghu, jirrizulta bla ebda dubju li l-kura li nghatat lill-istess minuri fil-mori tal-kawza u senjatament fil-*Young People's Unit* kienet mehtiega u ta' beneficcju ghall-kundizzjoni ta' l-istess minuri, u dan il-progress fl-istat ta' l-istess minuri gie accenwat li l-konvenuta wkoll jidher hadet il-kura necessarja ghall-kundizzjoni taghha kif ukoll ghenet b'mod sinifikanti l-kollaborazzjoni li nholqot ghall-gid ta' l-istess minuri bejn il-konvenuta, l-attur u fuq kollox in-nanniet paterni ta' l-istess minuri.

Illi dan kollu gie accenwat mir-rapporti prezentati mill-Espert Psikjatriku f'din l-kawza Dr. Anton Grech bil-kontribuzzjoni tieghu fis-soluzzjoni, almenu sperata, ta' dan il-kaz ma tistax ma tigix msemmija. Sta l-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri jirrizulta li bil-*monitoring* li sar mill-imsemmi Espert Psikjatriku jirrizulta li nholoq jew ahjar gie ristabbilit dan il-kuntatt bejn l-omm u n-nanniet paterni tal-minuri b'mod li jidher li fl-interess ta' l-istess minuri huma qed jikkollaboraw sabiex il-kundizzjoni ta' l-istess minuri tigi miljorata, u hawn ta' bilfors wiehed jirreferi ghall-konkluzjonijiet ta' l-istess Espert Psikjatriku datata 3 ta' Jannar 2003, li jidher li l-partijiet *tramite* d-difensuri taghhom b'verbal ta' l-20 ta' Marzu 2003 qablu mieghu.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu jidher li fl-ewwel lok ghalkemm il-kawza tikkoncerna l-minuri kollha, l-aktar provi li ngabu kienu ghar-rigward il-minuri Tony Ray kif jidher mix-xhieda kollha psikjatrika li nghatat f’din il-kawza.

Illi ovvjament din il-Qorti ser tibbaza d-decizjoni taghha fil-parametri ta’ l-azzjoni attrici fil-kuntest tal-provi kollha risultanzi f’din il-kawza, u anke mill-fatt li l-partijiet jidher mill-verbali ndikati li qablu sostanzjalment mad-decizjoni ta’ l-Espert Psikjatriku Dr Anton Grech, nominat minn din il-Qorti.

Illi fil-konkluzjoni li ser tiehu din il-Qorti f’din il-kawza, fl-ewwel lok hija motivata mill-interess suprem ta’ l-imsemmija minuri u fil-kuntest ta’ dan kollu w anke in vista ta’ l-affjatament li jirrizulta li hemm bejn il-minuri u bejn l-istess omm, anke kif espress mill-istess minuri Tony Ray ma’ l-Espert Psikjatriku mqabbad mill-Qorti, din il-Qorti thoss li minkejja anke d-diffikultajiet li l-konvenuta tidher li ltaqghet maghhom fit-trobbija ta’ l-istess ulied, il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri ghandha tibqa’ f’idejn l-attrici, pero` mhux b’mod esklussiv. B’dan li l-istess kura u kustodja ghandha tigi fdata konguntivament bejn il-konvenuta u l-attur fis-sens li d-decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni, trobbija, safar, u kull haga ohra mportanti li tista’ taffettwa l-hajja ta’ l-istess ulied ghandha tittiehed bil-kunsens u bil-kollaborazzjoni taz-zewg genituri. B’dan li fattur importanti ghaliex din il-Qorti qed tasal ghal din il-kura u kustodja kongunta, hija in konsiderazzjoni li bejn il-konvenuta u n-nanniet paterni ta’ l-attur ikun hemm kollaborazzjoni w affjatament fis-sens li l-istess minuri jkollhom access kif jidher li ghandhom ghal ma l-istess nanniet paterni.

Illi dan ma jfissirx u m’ghandu bl-ebda mod jigi nterpretat li l-istess nanniet paterni ghandhom inaqsu l-awtorita` ta’ l-omm fuq l-istess ulied, izda biss li b’kollaborazzjoni ma’ u b’support ta’ l-istess omm, jipprovdu anke l-mezzi u l-opportunitajiet sabiex l-istess minuri ikunu jistghu ikollhom opportunita` ahjar u ambjent sod sabiex ikunu jistghu ihossuhom komdi u t-trobbija taghhom tkun aktar stabbli.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri ghandha tkun kongunta bejn l-attur u l-konvenuta, b’dan pero` li jkun hemm il-partecipazzjoni tan-nanniet paterni w inter-relazzjoni ma’ l-istess, fil-hajja ta’ l-imsemmija wlied, b’mod li l-istess minuri jibqghu jghixu ma’ l-attrici, b’dan li r-residenza ta’ din ta’ l-ahhar ghandha tkun ir-residenza ordinarja u normali taghhom, bi dritt ta’ access ta’ almenu tlett darbiet fil-gimgha lill-attur, u dan fir-residenza u fil-prezenza ta’ l-istess nanniet paterni, u wkoll darba fil-*weekend,* darba s-Sibt u darba l-Hadd, bejn id-9.30 a.m. u l-4.00 p.m. L-istess tfal ghandhom jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta’ l-istess konvenuta. Illi t-tlett ijiem matul il-gimgha ghandhom ikunu it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha, mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m.

Illi l-Qorti tordna wkoll li l-progress tal-minuri ghandu jibqa’ jigi segwit mill-Agenzija Appogg tramite s-*Social Worker* ta’ l-istess Agenzija Graziella Castillo, li ghandha taghmel rapporti dwar il-kondizjoni ta’ l-istess minuri kull tlett xhur mid-data ta’ din is-sentenza, filwaqt li kemm l-attur u l-konvenuta ghandhom jattendu kors ta’ *Family Therapy* ma’ wahda mill-organizzazjonijiet li tofri dan it-tip ta’ servizz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’, in parte, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess mhux inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fl-interess ta’ l-istess minuri **tilqa’ limitatament it-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici** fis-sens hawn deciz, b’dan illi:

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Tony Ray, Johnny Ray u Michael, ahwa Camilleri, konguntivament f’idejn l-attur u l-konvenuta, b’dan li fit-trobbija ta’ l-istess u fil-hin ta’ l-access ta’ l-attur, ghandu jkun hemm il-partecipazzjoni tan-nanniet paterni w inter-relazzjoni ma’ l-istess fil-hajja ta’ l-imsemmija wlied, b’mod li l-istess minuri jibqghu jghixu ma’ l-attrici, b’dan li r-residenza ta’ din ta’ l-ahhar ghandha tkun ir-residenza ordinarja u

normali taghhom, bi dritt ta’ access t’almenu tlett darbiet fil-gimgha lill-attur, u cjoe` it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-4.00 p.m sas-7.00 p.m, u dan jigi ezercitat principalment fir-residenza u fil-prezenza ta’ l-istess nanniet paterni, u wkoll darba fil-*weekend,* darba s-Sibt u darba l-Hadd, alternattivament, bejn id-9.30 a.m. u l-4.00 p.m. L-istess tfal ghandhom jittiehdu u jingiebu mir-residenza ta’ l-istess konvenuta.

Illi dwar decizjonijiet li jaffettwaw is-sahha, l-edukazzjoni, trobbija, safar, u kull haga ohra mportanti li tista’ taffettwa l-hajja ta’ l-istess ulied, ghandha tittiehed bil-kunsens u bil-kollaborazzjoni taz-zewg genituri, b’dan li l-istess genituri ghall-*benessere* ta’ l-istess ulied ghandhom jikkonsultaw ukoll man-nanniet paterni ta’ l-istess ulied.

Illi l-Qorti tordna wkoll li l-progress tal-minuri ghandu jibqa’ jigi segwit mill-Agenzija Appogg, tramite s-s*ocial worker* ta’ l-istess Agenzija, Graziella Castillo, li ghandha taghmel rapporti dwar il-kondizjoni ta’ l-istess minuri kull tlett xhur mid-data ta’ din is-sentenza, filwaqt li kemm l-attur u l-konvenuta ghandhom jattendu kors ta’ *Family Therapy* ma’ wahda mill-organizzazjonijiet li tofri dan it-tip ta’ servizz.

Illi fl-ahharnett fil-kaz tal-minuri, Tony Ray, il-partijiet ghandhom jaraw li l-istess jibqa` jiehu l-kura konsiljata ghall-kondizzjoni li jsofri minnha ta’ *attention deficit – hyperactivity disorder*, mill-konsultenti atwali li segwew il-kaz tieghu.

3. Illi rigward din it-talba sabiex din il-Qorti taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrulha xierqa w opportuni sabiex sahhet il-minuri ma tkomplix titqieghed fil-periklu, sabiex jigi mhares l-interess suprem taghhom, il-Qorti tirreferi ghal dak minnha deciz fit-talba precedenti.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------